MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 76

11 ta' Mejju 2017

Minuti tas-seduta Nru. 76 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa mlaqqa' b'urġenza, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Ħamis, 11 ta' Mejju 2017 fis-6.30pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Kunsillier Patrick Cutajar li talab jiġi skużat permezz ta' imejl datat 11 ta' Mejju 2017, minħabba impenji oħra. Il-Kunsill innota u aċċetta l-assenza tas-Sur Cutajar.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 75, li saret fit-3 ta' Mejju 2017, ġew imħollija għall-approvazzjoni għas-seduta li jmiss.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1. Ma tqajmet ebda materja mis-seduta preċedenti.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

*3.1.* Ma tressaq ebda dokument.

## 4.0. Korrispondenza

4.1. Ma tressqet ebda korrispondenza.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ma tressqu ebda skedi marbuta mal-akkwist ta' servizzi u materjal.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ma tressqet ebda skeda ta' pagamenti.

**7.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin bejn Triq il-Kbira u Triq il-Birwina (T/4/13/VolXII)**

7.2. Is-Sindku għarraf li riċentement ġew intensifikati l-kuntatti mibdija fl-2013 ma' Transport Malta u l-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura, bil-parteċipazzjoni tas-Sinjuri Michael Cohen u Roderick Caruana. Il-pressjoni li saret min-naħa tal-Kunsill kienet imsejsa fuq:

- Il-ftehim li kien sar bejn Central Mediterranean Development Corporation Ltd (Cenmed) u l-Ministeru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, li kien iffirmat fit-18 ta' Frar 2008. Permezz tiegħu Cenmed għaddiet somma flus lill-Awtorità tat-Trasport biex tibni mill-ġdid it-toroq koperti fil-kawża Kunsill Lokali tal-Mellieħa kontra l-istess kumpanija;

- Il-fatt li l-Awtorità diġa bidlet il-*main* tad-drenaġġ fi Triq il-Qortin għab-bażi tal-ftehim imsemmi tat-18 ta' Frar 2008; u

- Transport Malta offriet li tiddelega x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, bil-għan li tonora l-obbligi tagħha li jirriżultaw mil-ftehim tat-18 ta' Frar 2008.

7.3. Is-Sindku qal li fit-taħditiet li kien hemm, jidher li Transport Malta lesta li:

(a) tkopri l-ispiża tax-xogħlijiet kollha, inkluż t-tiġdid tal-*mains* tal-ilma u l-*contract management* skont stima li saret mill-kuntrattur tal-Kunsill. Ir-rati li fuqhom ġiet ibbażata l-istima huma dawk li hemm fil-kuntratt li l-Kunsill għandu ma' Central Asphalt Ltd. Billi ser jinżammu l-bankini eżistenti, dawn tħallew barra, iżda ġie nkluż il-kostruzzjoni ta' *culvert* għall-ilma tax-xita, ftit 'l isfel minn Triq Mario de Vasi, kif ukoll il-bini ta' *retaining wall*;

(b) tassenja perit minn tagħha sabiex jara li x-xogħol isir skont l-i*standards* stabbiliti f'L.S.499.57, filwaqt li l-*contract manager* tal-Kunsill ikejjel il-kwantitajiet involuti;

(c) il-Kunsill jirċievi pagamenti minn Transport Malta fi żmien tletin jum minn meta l-kont ikun ġie mgħoddi lill-istess Awtorità;

(d) ittieħed in konsiderazzjoni li Transport Malta diġa kkordinat mal-entitajiet responsabbli mis-servizzi x-xogħlijiet li jistgħu jkunu meħtieġa biex jintroduċu servizzi ġodda, jew isir it-tiġdid ta' dawk eżistenti. Billi dan sar snin ilu, l-eżerċizzju ġie ripetut mill-Kunsill u jidher li flimkien mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, hemm ukoll GO plc u l-Melita plc li t-tnejn jeħtiġilhom jagħmlu *ducting* taħt l-art. L-ispejjeż marbuta mal-aħħar tnejn iridu jagħmlu tajjeb għalihom l-istess entitajiet. Min-naħa tal-Enemalta plc kien hemm konferma li mhemm ebda xogħlijiet ippjanati;

(e) Is-somma li ser tiġi allokata minn Transport Malta trid tagħmel tajjeb ukoll għall-arranġamenti tat-traffiku ġodda fi Triq il-Qortin, kantuniera ma' Triq il-Birwina u Triq il-Ġojjin, liema arranġament kien approvat mill-istess Awtorità permezz ta' ittra datata 15 ta' Lulju 2010 (Ref: 37/TM/10/4);

(f) Is-somma totali li qed jitlob il-Kunsill biex ikopri dan kollu tammonta għal €345,279.

7.4. Is-Sindku għalaq billi qal, li wieħed jittama li kemm il-Ministeru, kif ukoll Transport Malta jaċċettaw dawn it-termini. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll li mozzjoni f'dan is-sens ser tittressaq fis-seduta li jmiss.

7.5. Il-Kunsillieri preżenti qablu li t-termini tal-ftehim propost huma aċċettabbli u għalhekk għandhom jitkomplew il-kuntatti sabiex iwasslu għall-iffirmar tal-ftehim.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fis-7.45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn , 12 ta' Ġunju 2017 fis-7.00 pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**